MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 292/2005/2

**John Beirne**

**v.**

**Joanna Beirne**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
“Premess illi l-kontendenti għaddew għaċ-ċerimonja taż-żwieġ fit-13 ta’ Ġunju, 1997, kif jirriżulta mill-anness ċertifikat Dok. A;

“Premess illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Dr. Nicholas Vella tat-13 ta’ Marzu, 2005, kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok. B;

“Premess illi dan iż-żwieġ huwa null *stante* li l-partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni meħtieġa għall-ħajja matrimonjali jew għad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, kif ukoll għaliex kien hemm anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li twettaq l-obbligi essenzjali taż-żwieġ;

“Premess illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-konvenuta li tista’ mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, kif ukoll għaliex il-konvenuta ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, kif ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta’ rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ;

“Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. tiddikjara null u mingħajr effett iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fit-13 ta’ Ġunju, 1997 u dan *ai termini* ta’ l-Artiklu 19 tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet:
“1. Illi hija tirrespinġi l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li da parti tagħha ma kienet taħti għall-ebda nuqqas li jirrendi ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti null.

“2. Illi jekk l-attur huwa ħati ta’ xi nuqqas li jista’ jirrendi ż-żwieġ bejn il-kontendenti null, il-konvenuta m’għandhiex tbati spejjeż ta’ din il-proċedura, li għalhekk għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-attur.

“Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta’ April, 2008, li in forza taghha giet michuda t-talba attrici bl-ispejjez jithallsu mill-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1997 a bażi ta’ l-Artiklu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta, kif ingħad, qegħda tikkontesta t-talba.

“Naturalment kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin, “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilita` ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*” (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

“Is-sub-inċiżi ta’ l-Artiklu 19(1) ċitati mill-attur jirrigwardaw:

“19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b’anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

“19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

"Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe` li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

*"Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.*

*"Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita` ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita` ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta` bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta` li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

"Il-Qorti ta' l-Appell ukoll fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni*

*tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita`, li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita` sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995).

"Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li, "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita` psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta` ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

"Huwa ċar illi f'dan l-ambitu, minn eżami tal-provi prodotti lill-Qorti, ma jirriżultax li t-talbiet attriċi ġew sodisfaċentement provati. Il-biċċa l-kbira tal-provi ta' l-attur jirrigwardaw dak li ġara wara ż-żwieġ, u dan naturalment għandu valur limitat f'kawża simili ossija huwa biss importanti biex jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni prevalenti meta jkun ingħata l-kunsens. L-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenuta żammet kuntatt ma' *ex boyfriend* tagħha, apparti li huwa dubjuż kemm dan fih innifsu jikkostitwixxi xi fattur relevanti, ġiet miċħuda mill-konvenuta bl-iktar mod ċar u fil-fehma tal-Qorti din kienet l-unika raġuni possibbli biex tiġi milqugħa t-talba attriċi fis-sens li ma jkunx hemm dubju serju fuq il-kunsens ta' xi parti li tkun għadha f'relazzjoni ma' ħaddieħor. Kif ingħad pero` ma hemm ebda prova konvinċenti f'dan is-sens, u jidher li l-attur qiegħed jitlob l-annullament biex ikun jista' jerġa' jiżżewweġ wara li dan iż-żwieġ ma rnexxiex. Din naturalment ma hija ebda bażi biex annullament jiġi akkordat."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur prezentat fid-19 ta' Mejju 2008, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa' t-talba attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha;

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant, u li konsegwentement is-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ghall-annullament ta' zwieg li wettqu l-partijiet fit-13 ta' Gunju, 1997. L-attur ressaq it-talba tieghu fuq diversi kawzali li kollha gew michuda mill-ewwel Qorti, pero`, fl-appell tieghu qed jilmenta biss mill-fatt li l-ewwel Qorti skartat l-allegazzjoni tieghu bazata fuq qerq peress li, skont hu, l-ewwel Qorti kellha tiddikjara z-zwieg tieghu mal-konvenuta null peress li hi "kienet ingannat lill-appellant billi naqset li tinformah, qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg, li baqghet izzomm kuntatt ma' 'ex boyfriend' taghha, certu Peter minn San Francesco, l-Istati Uniti".

Din il-Qorti ma tarax li din ic-cirkostanza, jekk hi minnha, tista' twassal ghal annullament taz-zwieg fuq qerq. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Agius v. Borg" deciza fl-4 ta' Ottubru, 1995 (appell mis-sentenza kien gie dikjarat dezert fil-15 ta' Ottubru, 1997), biex jissussisti l-qerq iridu jikkonkorru erba' affarijiet: "(1) qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja

mizzewga”. Kif kompla jinghad fil-kawza “Borg v. Borg”, deciza mill-istess Qorti fit-22 ta’ Mejju, 1995,
“[...] din il-Qorti tosserva li l-legislatur Malti, li evidentement segwa l-legislatur kanoniku meta rrediga diversi paragrafi tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 imsemmi jidher li llimita l-qerq, bhala kawza ta’ nullita` taz-zwieg, ghal meta dan il-qerq ikun “dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga” (ara, in materja ta’ dolus is-sentenzi ta’ din il-Qorti fl-ismijiet Mary Farrugia v. Joseph Farrugia, 13 ta’ Marzu, 1995, u David Buhagiar v. Roseanne nee Maile, 24 ta’ April, 1995). Kieku l-legislatur Malti ma nkludiex il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19, jew kieku dak il-paragrafu kien formulat b’mod differenti, wiehed kien jista’ jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-Artikolu 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesa fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta’ nullita` taz-zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-propjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg. Kif jghid il-gurista Viladrich:

““*The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties, and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial.” (Viladrich, P.J., Martimonial Consent, f’Code of Canon:Law Annotated (Caparros, E. et al. ed.), 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).*””

Ma jirrizultax li l-allegat ingann kien jirreferi ghal xi kwalita` oggettivament essenzjali ghaz-zwieg; il-fatt li parti fi zwieg ikollha kuntatt ma’ l-ex sieheb jew siehba tieghu, mhix haga daqshekk stramba jew irregolari li ghandha taffettwa l-hajja fiz-zwieg. Fuq kollox dak li jirrizulta mill-provi hu li

meta l-konvenuta harget tqila u kellha bzonn il-medicina “heporin”, kienet tikkommunika ma’ l-ex boyfriend taghha li kien jahdem f’kumpanija farmacewtika fl-Istati Uniti tal-Amerika, u b’rizultat ta’ din il-kommunikazzjoni kien se jipprovdiha bil-medicina li kellha bzonn. Ma jirrizultax li dan il-“kuntatt” mar oltre minn hekk, u lanqas ma rrizulta li l-konvenuta kienet infidila lejn zewgha l-appellant. F’kull kaz, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, kien jirrizulta li l-konvenuta, meta izzewget, ma kellhiex hsieb li tkun fidila lejn zewgha – u a skans ta’ ekwivoci ghandu jinghad li din il-prova certament ma ngabitx fil-kaz odjern – kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Dimech v. Dimech”, deciza fit-30 ta’ Mejju. 2008, dan ma kienx jammonta ghal qerq “*li jirrigwarda xi kwalita*`” tal-konvenuta appellata fis-sens tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Att dwar iz-Zwieg, izda se mai, ghal forma ta simulazzjoni.

Apparti dan kollu, jirrizulta li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi li gew imressqa ghall-konsiderazzjoni taghha, kien wiehed ghaqli, u s-sentenza taghha timmerita li tigi konfermata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------